

# IL-FRATELLANZI FIL-PARROĊĊA TAGĦNA

Ġejt mitlub mill-W.R. Kappillan Emmanuel Abela O.F.M. Cap. biex nikteb messaġġ dwar il-Fratellanzi fill-Parroċċa tagħna. Kuntrarju għall-Paroċċi u knejjes ferm aktar antiki minn tagħna fejn issib numru mhux ħażin ta' Fratellanzi, minn erba' sa sitta, u ġieli aktar ukoll, fil-Parroċċa tagħna hawn biss tnejn, dik tas-S.Smu Sagrament u tal-Qalb ta' Ġesù li twaqqfet fil-21 ta' Frar 1914 fi żmien l-ewwel Kapillan Patri Piju Dimech O.F.M. Cap. Il-Fratellanza l-oħra hija dik tal-Madonna tar-Rużarju li twaqqfet fi żmien il-Kappillan Patri Feliċjan Bilocca O.F.M. Cap. fil-11 ta' Frar 1953, b'digriet li ħareġ minn għand il-Ġeneral ta' l-ordni tal-Predikaturi (Dumnikani) ta' dak iż-żmien.

## Għanijiet



Il-Fratellanza ta' S.Smu Sagrament, kull fejn twaqqfet, dejjem kellha l-għan li żżomm ħajja l-qima speċjali lejn Sidna Ġesù Kristu fis-Sagrament adorabbli ta' l-Ewkaristija. Fl-imgħoddi din il-Fratellanza kienet ferm numeruża, u l-aktar li kienet tinħass kien fil-Vjatku li sikwiet kien joħroġ biex jagħti l-faraġ lill-morda u l-aħħar qawwa lill-moribondi. Ma' din irrid ngħid li din il-Fratellanza, qabel ħafna aktar mil-lum, kienet tieħu ħsieb il-Festa ta' Corpus Christi speċjalment b'purċissjoni mill-aktar solenni nhar l-ewwel Ħamis fuq il-festa titulari tas-S.Sma Trinità. Il-membri kienu jagħtu ukoll sehem qawwi f'Adorazzjoni Solenni li kienet issir fil-Paroċċa tagħna, u li kienet tispiċċa fil-festa ta' l-Epifanija.

Il-Fratellanzi tar-Rużarju kull fejn twaqqfu flimkien ma' dawk tas-S.Smu Sagrament, wara l-vista pastorali li wettaq f'Malta id-delegat Appostoliku Mons Duzzina f'1575, kellhom għan wieħed dak li jsaħħu u jżommu l-qima lejn Ommna Marija S.Sma, permezz ta' Rużarju Mqaddes. Wieħed irid iżomm f'moħħu li wara r-rebħa kbira li wettqu l-Insara fuq il-Misilmin fil-gwerra ta' Lepanto nhar is-7 ta' Ottubru 1571. Il-Papa Dumnikan San Piju V xerred kemm felaħ din it-talba Marjana li mijiet ta' snin wara l-Madonna stess riedet tissiġilla F'Lourdes u Fatima. Fil-Parroċċa tagħna qamet devozzjoni kbira lejn il-Madonna tar-Rużarju meta lejn l-aħħar tas-snin erbgħin l-istatwa tagħna li għandna fil-Knisja kienet ħarġet għall-ewwel darba. Din kienet l-ewwel darba li saret purċissjoni bi statwa fil-Paroċċa tagħna. Il-Fratelli mindu twaqqfu ħadu ħsieb il-festa tar-Rużarju li ssir fil-Parroċċa t'Ottubru.



## Relevanza

Xi uħud għandhom mnejn jistaqsu, imma l-fratellanzi tagħna għadhom relevanti? Iva, fil-ħajja spiritwali ta' llum iż-żewġ Fratellanzi għadhom



relevanti. L-ewwel nett ngħid xi ħaġa fuq dik tas-S.Smu Sagrament. Ġesù Ewkaristija illum aktar minn qatt qabel sar iċ-ċentru tal-ħajja spiritwali. Biżżejjed inħarsu lejn is-sagramenti kollha li għandha l-Knisja Kattolika. Kull Sagrament tista tgħid huwa nsiebaħ mill-Quddiesa b'eċċezzjoni tal-Griżma tal-Morda personali, u dak tal-Qrar individwali, għalkemm dan is-Sagrament iħejjina b'mod xieraq għall-Ewkaristija. Dwar dik tar-Rużarju, ma hemmx għalfejn ngħid ħafna. Biżżejjed niftakru fl-Enċiklika "Rosarii B.V.M." li l-kbir Papa Ġwanni Pawlu II ħareġ ftit qabel ma miet. Meta saħansitra żied Ħames Posti tad-dawl. Tkun ħaġa verament tajba li nerġgħu nqajmu mill-ġdid dawn iż-żewġ Fratellanzi. Il-Kappillan stess jixtieq ħafna li dawn iż-żewġ Fratellanzi jerġgħu jissaħħu b'aktar membri kemm irġiel u kif ukoll nisa. Kull min jixtieq jinkiteb fil-Fratellanza tar-Rużarju jista' javviċina lili u jekk xi ħadd jixtieq jinkiteb fil-Fratellanza tas-S.Smu Sagrament, jista' javviċina lill-Kappillan. Tkun verament ħaġa tajba li nerġgħu naraw il-purċissjoni tal-Parroċċa tagħna mimlijin bil-Fratelli kemm tas-S.Smu Sagrament kif ukoll tar-Rużarju. Niftakru fuq l-eżempju li tawna l-Fratelli tar-Rużarju tal-Parroċċa ta' l-Isla li kienu hekk numerużi meta s-sena l-oħra ħadu sehem fil-festa tar-Rużarju tal-Parroċċa tagħna, u onorawna bil-parteċipazzjoni tagħhom. Fuq kollox kull min ikun membru f'dawn il-Fratellanzi jieħu ġid għal ruħu bil-laqgħat li jsiru kull xahar u anke jkollu d-dritt għal dfin fl-oqbra ta' dawn il-Fratellanzi, kif ukoll sufraġju bit-talb kollu li jsir.

*Louis Attard*